MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2003

Appell Civili Numru. 1921/1995/1

**Sunspot Tours Limited**

**vs**

**C.H. Caterers Limited**

**Il-Qorti:**

**Preliminari.**

B’citazzjoni tas-16 ta’ Novembru, 1995 is-socjeta` attrici ppremettiet illi l-kontendenti kienu dahlu f’kuntratt (Allocation Agreement) kopja ta’ liema giet annessa u markata Dok. A, li permezz tieghu s-socjeta` attrici obbligat ruhha li talloggja diversi turisti klienti taghha tul il-perjodu pattwit fil-lukanda The New Cartwheel Hotel, f’Bugibba, filwaqt li s-socjeta` konvenuta obbligat ruhha li taghti l-facilitajiet u akkomodazzjoni fil-lukanda in kwistjoni matul l-istess perjodu u dan taht id-diversi pattijiet u kundizzjonijiet indikati fl-istess kuntratt; illi ghall-ahhar tal-elf disa’ mija u erbgha u disghin (1994) is-socjeta` konvenuta infurmat lill-istanti li l-lukanda kienet ser taghlaq sabiex isir xoghol ta’ “refurbishment” u dan ix-xoghol kellu jdum ghaddej sa April tal-elf disa’ mija u hamsa u disghin (1995) f’liema zmien imbaghad il-lukanda kienet ser tigi allokata lill-Tour Operator tedesk; illi l-istanti kien gja kellha diversi bookings ghal dan il-perjodu in kwistjoni u nonostante diversi interpellazzjonijiet mibghuta minnu lis-socjeta` konvenuta, din ma tatx kashom. Fic-cirkostanzi l-atturi ma kellhom l-ebda alternattiva hlief li jsibu alloggjar u akkomodazzjoni alternattiva ghall-istess klienti u f’hafna kazijiet b’rati ghola minn dawk li kienu gja gew miftehma u mhallsa mill-klienti taghhom b’dan ghalhekk li hargu d-differenza sabiex jonoraw l-obbligi taghhom fil-konfront ta’ dawn it-terzi; illi ghalhekk is-socjeta` konvenuta hija responsabbli ghad-danni sofferti mill-istanti konsegwenza tal-agir u inadempjenza kuntrattwali taghha kif del resto gie espressament pattwit fil-kuntratt skond il-klawsola numru disgha; s-socjeta`attrici ghalhekk talbet li l-Qorti:-

1. tiddikjara lis-socjeta` konvenuta responsabbli lejn is-socjeta` attrici ghad-danni rizultanti mill-inadempjenza kuntrattwali billi tterminat unilateralment l-istess kuntratt u naqset li tonora l-obbligi minnha assunti fl-istess kuntratt;
2. tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta` attrici;
3. tikkundannaha thallas l-ammont hekk likwidat in linea ta’ danni.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut u bl-imghax legali kontra tieghu.

B’nota ipprezentata fid-29 ta’ Jannar, 1996 is-socjeta` konvenuta eccepiet:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu respinti, bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici, stante illi ma huwiex minnu li s-socjeta` esponenti kkawzat id-danni pretizi mill-istess socjeta` attrici, kif jigi pruvat aktar dettaljatament fil-kors tal-provi migbura fil-kawza.
2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, kienet fi kwalunkwe kaz l-istess socjeta` attrici illi, fl-indempjenza tal-obbligi taghha kuntrattwali kkagunat it-terminazzjoni tal-kuntratt bejn il-kontendenti.

Fil-mori tal-proceduri quddiem l-ewwel qorti, wara li fl-udjenza tal-15 ta' Marzu, 2000 s-socjeta` konvenuta kienet iddikjarat li ma kellhiex provi aktar, fl-udjenza tat-28 ta' April, 2000 is-socjeta` konevnuta nfurmat lill-Qorti li kienet ser tipprezenta eccezzjoni ulterjuri. Kien ghalhekk li fit-18 ta' Mejju, 2000 b'rikors ipprezentat mis-socjeta` konvenuta din talbet li, ghar-ragunijiet moghtija fl-istess rikors, tigi awtorizzata teccepixxi r-*res judicata* fil-konfront tat-talbiet attrici u dana in vista tas-sentenza moghtija fit-23 ta' Ottubru, 1995 fil-kawza fl-ismijiet "Carmelo Bonello ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` C.H. Caterers Limited vs Peter Sultana ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` Sunspot Tours Limited" (Citazzjoni nru 441/95 FGC). Wara in-notifika tal-kontro-parti u r-risposta tal-istess presentata fit-2 ta' Gunju, 2000 il-Prim Awla tal-Qorti Civili cahdet din it-talba tas-socjeta` konvenuta billi qalet "*F'dan l-istadju tichad it-talba*". Il-kawza ghalhekk thalliet ghan-noti ta' osservazzjonijiet tal-kontendenti, li ma gewx ipprezentati u giet deciza fis-seduta tal-31 ta' Jannar, 2001.

**Is-sentenza appellata.**

Bis-sentenza fuq imsemmija l-Prim Awla tal-Qorti Civili filwaqt li cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, laqghet it-talbiet attrici u ddikjarat li l-konvenuti huma responsabbli ghad-danni rizultanti mill-inadempjenza kuntrattwali billi tterminaw unilateralment l-istess kuntratt u naqsu li jonoraw l-obbligi minnhom assunti fl-istess kuntratt; illikwidat l-istess danni sofferti mis-socjeta` attrici fl-ammont ta' LM9,427.56 u kkundannat lill-konvenuti jhallsu

l-ammont hekk likwidat in linea ta’ danni lill-atturi, bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**L-appell tas-socjeta` konvenuta.**

Is-socjeta` konvenuta hasset ruhha aggravata bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk b’rikors ipprezentat fl-20 ta’ Frar, 2001 interponiet appell lil dina l-Qorti fejn, ghar-ragunijiet hemm moghtija talbet li din il-Qorti, fl-ewwel lok tannulla u tirrevoka d-digriet moghti mill-ewwel qorti fit-8 ta’ Gunju, 2000, illi permezz tieghu l-istess Qorti cahdet it-talba tas-socjeta` appellanti ghall-prezentata ta’ nota ta’ eccezzjonijiet ulterjuri, u minflok takkolji l-istess talba tas-socjeta` appellanti u tawtorizzaha tressaq l-eccezzjoni ulterjuri ta’ *res judicata* fl-atti tal-proceduri odjerni; u konsegwentement tannulla, thassar u tirrevoka wkoll is-sentenza appellata tal-31 ta’ Jannar 2001 fl-ismijiet premessi u minflok, prevja li tilqa’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta appellanti, tichad it-talbiet attrici – bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` attrici appellata.

B’risposta tas-27 ta’ Frar 2001 is-socjeta` attrici appellata filwaqt li sostniet li s-sentenza hija gusta talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din tigi konfermata minn din l-Qorti.

**L-aggravji tas-socjeta` konvenuta appellanti.**

L-aggravji tas-socjeta` appellanti huma tnejn u jikkoncernaw:-

a) Ic-cahda tat-talba taghha li tressaq eccezzjoni ulterjuri ta’ *res judicata, u*

b) fi kliem ir-rikors ta’ l-appell billi *“l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset b’kull rispett mill taghmel apprezament korrett dwar minn mill-kontendenti kien effettivament responsabbli ghall-inadempjenza tal-obbligazzjonijiet kuntrattwali naxxenti mill-ftehim tal-4 ta’ Mejju 1995”.*

Illi fl-udjenza tal-14 ta’ Ottubru, 2003 quddiem din il-Qorti, l-kontendenti gew mistiedna jittrattaw l-ewwel aggravju tas-socjeta` appellanti u cioe` riferibilment ghad-digriet moghti mill-Ewwel Qorti fit-8 ta’ Gunju, 2000 u wara li sar

dan l-kawza giet mhollija ghas-sentenza "*limitatament dwar id-digriet imsemmi*" ghas-seduta tal-lum.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti.**

**Il-fatti.**

B'rikors tat-18 ta' Mejju, 2000 presentata quddiem l-qorti ta' l-ewwel grad is-socjeta` konvenuta talbet li tigi awtorizzata tipprezenta eccezzjoni ulterjuri ta' *res judicata* wara li ppremettiet:-

*"3. Illi l-proceduri odjerni gew intavolati mis-socjeta` attrici fis-16 ta' Novembru 1995, in segwitu ghas-sentenza moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti fit-28 ta' Novembru 1995 fil-kawza fl-ismijiet "Carmelo Bonello ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` C.H. Caterers Limited vs Peter Sultana ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` Sunspot Tours Limited" (Citazzjoni Nru. 441/95 FGC), liema sentenza ma gietx appellata u ghalhekk tikkostitwixxi 'res judicata' bejn il-kontendenti. Din l-ewwel kawza kienet titratta dwar l-istess meritu tal-proceduri odjeri, billi fiha is-socjeta` esponenti talbet il-hlas ta' servizzi provduti minnha ai termini tal-kuntratt ezistenti bejn il-kontendenti;*

*"4. Illi s-socjeta` konvenuta tixtieq tipprevalixxi ruhha mill-fakolta` moghtija lilha mill-ligi sabiex tressaq din l-eccezzjoni ulterjuri ta' 'res judicata' fil-konfront tat-talbiet odjerni tas-socjeta` attrici.*

*"5. Illi a tenur tal-Artikolu 732 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-eccezzjonijiet perentorji, bhal ma hi dik ta' res judicata, jistghu jingataw fi kwalsiasi stadju tal-proceduri, ukoll fil-grad ta' appell."*

Fir-risposta taghha tat-2 ta' Gunju, 2000 is-socjeta` attrici, illum appellata sostniet:-

"*Illi l-eccezzjoni tar-res judicata hija wahda dilatorja u ghalhekk ma tistax tigi proposta f'dan l-istadju.*

*"Illi f'kull kaz, l-esponent ma gab ebda raguni valida jew gustifikazzjoni ghaliex l-eccezzjoni qeghda titressaq f'dan*

*l-istadju; il-fatt biss illi s-sentenza in kwistjoni inqaghtet favur l-istess rikorrent, jekk xejn, turi, kemm missu qajjem l-eccezzjoni fil-bidu nett tal-proceduri.*

*"Illi fil-mertu pero`, it-talba tar-rikorrent hija ghal kollox frivola u bla bazi. Is-sentenza tat-23 ta' Ottubru 1995 imsemmija minnu, ikkundannat lill-esponent sabiex ihallas lil CH Caterers Limited somma ta' LM6,751.61 rappresentanti l-bilanc ta' prezz ta' servizzi ta' akkomodazzjoni provduta fil-Cartwheel Hotel. L-ammont kanonizzat bis-sentenza thallas. F'din il-kawza il-mertu huwa totalment l-oppost ghaliex l-esponent qieghed ifittex ghal danni minhabba inadempjenza kuntrattwali tar-rikorrent kif ghandu kull dritt jaghmel. Huwa evidenti li l-oggetti taz-zewg kawzi huwa differenti u l-eccezzjoni tar-res judicata ma tista` qatt tirnexxi."*

Bid-digriet taghha tat-8 ta' Gunju, 2000 l-Qorti ta' l-ewwel grad cahdet it-talba maghmula mis-socjeta` konvenuta u ghaddiet ghas-sentenza fuq il-provi li kien hemm.

L-Artikolu 728 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta'Malta jiddisponi li l-eccezzjonijiet kollha sew dilatorji kemm dwar il-meritu ghandhom jinghataw fin-nota tal-eccezzjonijiet jew fir-risposta, b'dana li l-Qorti tista`, meta tkun sodisfatta li kien hemm ragunijiet validi tippermetti li jinghataw aktar eccezzjonijiet meta ssir talba b'rikors.
Dawn il-provvediment ma japplikawx ghall-eccezzjonijiet ta' natura perentorja li, skond l-Artikolu 732 jistghu jinghataw ukoll fil-qorti fi grad ta' appell ghalkemm ma jkunux gew moghtija fil-qorti ta' l-ewwel grad.

Ma hemmx qbil bejn il-kontendenti dwar jekk l-eccezzjoni ta' *res judicata* hijiex eccezzjoni perentorja u ghalhekk tista` tinghata f'kull stadju tal-proceduri, jew jekk hijiex eccezzjoni dilatorja u ghalhekk milquta bis-sanzjonijiet ta' l-Artikolu 728 fuq citat. Fir-risposta tas-socjeta` attrici ghar-rikors tas-socjeta` konvenuta tat-18 ta' Mejju, 2000 jinghad espressament illi "*l-eccezzjoni tar-res judicata hija wahda dilatorja u ghalhekk ma tistax tigi proposta f'dan l-istadju."* Izda fir-risposta ghall-appell tas-socjeta`

konvenuta jidher li s-socjeta` attrici bidlet l-hsieb taghha in meritu meta sostniet li l-ewwel qorti kienet korretta meta cahdet it-talba ghall-presentata ta' din l-eccezzjoni billi hemm jinghad li "*f'ebda stadju tal-istess proceduri ma ngabet ebda raguni jew gustifikazzjoni ghaliex dik l-eccezzjoni kienet qed titressaq f'dak l-istadju.*" Din is-sottomissjoni donna torbot ic-cahda ta' l-ewwel qorti mal-fakolta` diskrezzjonali moghtija lill-istess Qorti fis-subinciz (2) ta' l-Artikolu 728 fejn il-Qorti ghandha l-fakolta` li tippermetti eccezzjonijiet ulterjuri meta tkun sodisfatta li kien hemm ragunijiet validi l-ghaliex (dawn) ma jkunux inghatw fin-nota ta' l-eccezzjonijiet jew fir-risposta.

Din il-Qorti tosserva li l-provvedimenti migbura fis-Subtitolu I tat-Titolu II tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u cioe` dawk "**Fuq l-eccezzjonijiet in generali**" qed joholqu certa disgwid mhux biss fil-kaz odjern izda wkoll f'procedimenti ohra fejn tinhass il-htiega li jitressqu eccezzjonijiet ulterjuri. Ikun utili ghalhekk li jigu ezaminati l-imsemmija provvedimenti sabiex jigi stabbilit darba ghal dejjem x'jista` jew ma jistax jsir '*pendente lite*.'

Kif gja nghad hawn fuq ir-regola generali hija li l-eccezzjonijiet kollha sew dilatorji kif ukoll dawk dwar il-meritu ghandhom jinghataw fin-nota tal-eccezzjonijiet jew fir-risposta skond il-kaz. Ghal din ir-regola hemm zewg eccezzjonijiet:-

1) d-dritt tal-parti li tressaq eccezzjonijiet ohra jekk tissodisfa l-Qorti li kien hemm ragunijiet validi l-ghaliex ma jkunux inghataw fin-nota tal-eccezzjonijiet jew fir-risposta; u

2) d-dritt tal-parti li tressaq dawk l-eccezzjonijiet li jistghu b'disposizzjoni espressa tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jinghatw f'kull waqt tal-procedimenti, jew ghall-eccezzjonijiet li jinqalghu waqt il-kawza. Fost dawn hemm l-hekk imsejha eccezzjonijiet perentorji li ghandhom l-effett li jwaqfu l-proceduri.

L-Artikolu 731 li jitkellem dwar dawk l-eccezzjonijiet li, b'disposizzjoni espressa tal-ligi, jistghu jinghataw f'kull waqt tal-procedimenti, jiddisponi espressament li f'dawn il-

kazi l-provvediment ta’ l-Artikolu 728 ma jghoddux. Dan jfisser li meta, waqt is-smiegh tal-kawza, tinqala l-htiega li tinghata eccezzjoni perentorja jew kull eccezzjoni ohra li, b’disposizzjoni espressa tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, tista` tinghata f’kull waqt tal-procedimenti, inkluzi dawk l-eccezzjonijiet li jinqalghu waqt il-kawza, ma jkunx mehtiex li ssir talba lill-Qorti kif kontemplat fis-subinciz (2) ta’ l-Artikolu 728 u konsegwentement hija eskluza kull diskrezzjoni ta’ dik il-Qorti li tezamina jekk kienx hemm raguni valida l-ghaliex tali eccezzjoni ma tkunx inghatat fin-nota tal-eccezzjonijiet jew fir-risposta. Dan ghaliex l-eccezzjonijiet perentorji ghandhom l-effett li jwaqfu l-proceduri, u l-eccezzjonijiet li jinqalghu waqt il-kawza qatt ma’ setghu jitressqu fi stadju tal-prezentata tan-nota tal-eccezzjonijiet. L-indagini tal-Qorti f’dawn il-kazi ghandha tkun limitata biex tistabilixxi jekk verament tali eccezzjonijiet humiex ta’ natura perentorja jew jekk il-htiega taghhom inqalatx waqt il-proceduri. Tista` se mai, fil-kaz ta’ eccezzjonijiet perentorji li jinghataw fil-mori tal-proceduri, tordna temperament fil-kap ta’ l-ispejjez kemm-il darba jirrizulta li l-ostakolu ghal dawk il-proceduri kien pre-ezistenti l-prezentata tal-eccezzjonijiet jew ir-risposta.

Fil-kaz in ezami jirrizulta li s-socjeta` konvenuta, minkejja li ssostni li l-eccezzjonijiet ta’ ‘*res judicata*’ hija eccezzjoni ta’ natura perentorja, pprevaliet ruhha mid-disposizzjonijiet tas-sub-inciz (2) ta’ l-Artikolu 728 billi bir-rikors fuq imsemmi talbet l-awtorizzazzjoni opportuna tal-qorti ta’ l-ewwel grad biex tipprezenta tali eccezzjoni. Jidher li l-ewwel qorti, wara li hadet konjizzjoni tar-rikors u tar-risposta tal-kontro-parti, cahdet din it-talba billi pprovdiet hekk: “*F’dan l-istadju tichad it-talba.”*

Din il-Qorti ma tistax tifhem ir-ragunament ta’ l-ewwel qorti li tichad it-talba “*F’dan l-istadju*” billi dik l-istess qorti kienet tenuta jew li takkorda t-talba in kwantu l-eccezzjoni proposta kienet wahda perentorja ai termini tas-subinciz (1) ta’ l-Artikolu 732 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta; jew, alternattivament, tichad l-istess talba billi jirrizulta li l-eccezzjoni tal-“*gudikat*” ma kienetx gustifikata stante li ma kienux jikkonkorru l-elementi ta’ din l-eccezzjoni u cioe` l-*eadem res*, l-*eadem personae* u l-*eadem causa petendi*.

Fic-cirkostanzi din il-Qorti hija tal-fehma li l-aggravju mressaq mis-socjeta` konvenuta appellanti huwa gustifikat billi l-ewwel qorti naqset milli tipprovdi skond ma nghad hawn fuq u ghalhekk it-talba ghall-prezentata ta' l-eccezzjoni tar-*res judicata* proposta mis-socjeta` konvenuta kellha tigi milqugha u, essendo din l-eccezzjoni strettament ta' natura perentorja, b'rispett lejn il-provvedimenti tas-subinciz (1) ta' l-Artikolu 732 fuq citat, qed tigi ammessa f'dan l-istadju tal-proceduri kif intalab fir-rikors ta' l-appell tas-socjeta` konvenuta.

Dan premess din il-Qorti issa ghandha tezamina jekk fil-kwadru tal-provi akkwiziti, tali eccezzjoni hijiex gustifikata.

Jigi premess fl-ewwel lok li s-sentenza fil-proceduri fl-ismijiet "Carmelo Bonello noe vs Peter Sultana noe" determinati fit-23 ta' Ottubru, 1995 qatt ma giet pprezentata u ma tinstabx in atti minkejja li fir-risposta tas-socjeta` appellata ghar-rikors tas-socjeta` konvenuta tat-18 ta' Mejju 2000 jinghad '*in calce*' li "*Kopja tas-sentenza relattiva qed tigi hawn annessa.*" Infatti mit-timbru tar-Registru tal-Qorti li jgib id-data tal-prezentata tal-istess risposta u cioe` dik tat-2 ta' Gunju 2000 jirrizulta li l-istess risposta ma kienetx akkompanjata b'xi dokument.

Din il-Qorti, ghalhekk, sabiex tara jekk it-talba kontenuta fir-rikors ta' l-appell u cioe` li s-setenza appellata tigi revokata a bazi ta' din l-eccezzjoni ta' *res judicata*, trid bilfors toqghod fuq dak li jirrizulta mill-atti.

Fir-rikors tas-socjeta` konvenuta tat-18 ta' Mejju, 2000 jinghad espressament hekk in sostenn tal-eccezzjoni ta' *res judicata* :- "*Din l-ewwel kawza kienet titratta dwar l-istess meritu tal-proceduri odjerni, billi fiha s-socjeta` esponenti talbet il-hlas ta' servizzi provduti minnha ai termini tal-kuntratt ezistenti bejn il-kontendenti;*". Fin-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta, liema nota tinsab annessa mar-rikors fuq imsemmi, jinghad hekk: "*Illi l-meritu ta' din l-azzjoni attrici gja' gie trattat u deciz definittivament b'sentenza moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti fil-kawza fl-ismijiet "Carmelo Bonello ghan-nom u in*

*rappresentanza tas-socjeta` C.H. Caterers Limited vs Peter Sultana ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` Sunspot Tours Limited .....”*

Issa ghalkemm huwa minnu li dawk il-proceduri determinati bis-sentenza tat-23 ta’ Ottubru, 1995 kienu jikkoncernaw l-istess partijiet u sahansitra kienu ukoll jikkoncernaw kreditu li s-socjeta` konvenuta appellanti (attrici f’dawk il-proceduri) kellha ghas-servizzi rezi minnha ghall-akkomodazzjoni tal-klienti tas-socjeta` attrici appellata (konvenuta f’dawk il-proceduri) ma jirrizultax li kien hemm l-identita` tal-kawza u l-identita` tal-oggett, elementi necessarji sabiex tirnexxi l-eccezzjoni sollevata. Infatti kif irrilevat s-socjeta` attrici appellata fir-risposta taghha ghar-rikors fuq imsemmi “*Is-sentenza tat-23 ta’ Ottubru 1995 imsemmija minnu (cioe` l-konvenut), ikkundannat lill-esponent sabiex ihallas lil CH Caterers Limited somma ta’ LM6,751.61 rappresentanti l-bilanc ta’ prezz ta’ servizzi ta’ akkomodazzjoni provduta fil-Cartwheel Hotel. ...... F’din il-kawza il-meritu huwa totalment l-oppost ghaliex l-esponent qieghed ifittex ghal danni minhabba inadempjenza kuntrattwali tar-rikorrent (konvenut appellant) kif ghandu dritt jaghmel.*”
Mill-provi akkwiziti ma jirrizultax li l-inadempjenza kuntrattwali u l-konsegwenti talba ghall-hlas tad-danni li qed tigi epurata f’dawn il-proceduri giet b’xi mod indirizzata fis-sentenza citata. L-eccezzjoni ta’ *res judicata* ghalhekk ma tistax tirnexxi.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti filwaqt li tilqa’ l-appell tas-socjeta` konvenuta limitatament ghat-talba ghar-revoka tad-digriet tat-8 ta’ Gunju, 2000, billi ammettiet tali eccezzjoni, tichad l-istess appell nkwantu bazat fuq l-eccezzjoni tar-*res judicata*, billi din mhux gustifikata, u ghalhekk tiddiferixxi l-kawza ghat-trattazzjoni tal-partijiet fil-mertu ghas-seduta tat-30 ta’ Marzu, 2004 fl-10.30am.

Fic-cirkostanzi l-ispejjez tad-digriet tat-8 ta’ Gunju, 2000 jkunu a kariku tas-socjeta` attrici appellata, mentri l-ispejjez ta’ dan l-appell limitatament fuq l-ewwel aggravju,

u cioe` fuq il-kwistjoni tal-eccezzjoni tar-*res judicata*, ikunu a kariku tas-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------